MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Numru. 12/2003

Il-Pulizija
(Spettur Louise Vella)
(Spettur Kevin Farrugia)
vs
Kimu Mohamed Hikam sive Karim Mohammed Heqal

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Kimu Mohamed Hikam, detentur ta' passaport numru 1140483, li permezz taghhom huwa gie akkuzat :
(a) talli fit-2 ta' Jannar 2003 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu, fl-inhawi ta' H'Attard u / jew bi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'eghmil zieni ikkorrompa lil Maria Mamo, minuri ta' hdax il-sena f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku;
(b) Aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku u / jew f'post espost ghall-pubbliku;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tas-26 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) fl-Artikoli 203 (1) u fil-proviso ta’ l-istess Artikolu 203 (1) tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;
u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-2 ta’ Jannar 2003 il-pulizija ta’ B’Kara kienet irceviet rapport minghand certu Raymond Mamo u l-mara tieghu Marika Mamo illi fl-Industrial Estate ta’ Had-Attard kien hemm persuna ta’ nazzjonalita Gharbija li kienet harget il-parti genitali taghha barra u bdiet timmasturba fil-prezenza tat-tlett itfal minuri taghhom. L-Ispettur Farrugia ordna lill-pulizija biex imorru fuq il-post u jarrestaw immedjatament lill-persuna imsemmija u fil-fatt marru fuq il-post PC 252 Stephen Mallia u PC 213 Luke Bonello li arrestaw lill-imputat fuq imsemmi. L-Ispettur Farrugia kellem lill-imputat illi qallu li kien Egizzjan u aktar tard qallu li kien Iraqin u ittiehdu z-zewg stqarrijiet ta’ l-imputat. L-Ispettur Farrugia kompla jixhed illi l-atti saru quddiem it-tifla minorenni u mhux quddiem il-genituri taghha wkoll, peress illi meta gara l-allegat incident il-genituri kienu fil-fabbrika ta’ l-ghamara. Fil-karozza kien hemm tifla ta’ hdax il-sena Maria, tifla ta’ disa’ snin Martha u tifla ta’ erba’ snin Magdalene. Kienet Marija li rat l-imsemmi incident. Lit-tfal kellmuhom l-Ispettur Farrugia u l-Ispettur Louise Vella fil-prezenza tal-genituri taghhom.

Il-Qorti rat l-ewwel stqarrija ta’ l-imputat fejn qal illi jifhem bil-Malti. Huwa qal illi kien ilu Malta sena u nofs u kien jahdem ma Bartolo Wood Turners Limited. Huwa qal illi dakinhar, jigifieri fit-2 ta’ Jannar, 2003 huwa kien qieghed jahdem fil-van ta’ John Bartolo li mieghu huwa impjegat u nehha siggu kbir u l-handle tas-siggu qabdet ma kuxtejh. Wara ghoxrin minuti induna li kien hemm xewka li dahlet f’kuxxtejh, mar wara l-van u nehha l-qalziet biex inehhi x-xewka. Mistoqsi kif kienet dahlet ix-xewka minn gol-jeans huwa qal illi ma kienx jaf u wiegeb illi kien ra karozza ipparkjata quddiem il-fabbrika. Mistoqsi jekk setghax ikun illi tifla minnhom li kienet fil-karozza qalet lill-pulizija illi huwa kien hareg il-parti tieghu u beda jimmasturba quddiemha, huwa qal illi hu ma jaghmilx dawn l-affarijiet u cahad illi kien mess il-parti privata tieghu. Huwa qal illi dak il-hin kien liebes jeans u T shirt ta’ lewn ‘orange’ u qal illi kien biddel hwejjgu sabiex mar ghand il-pulizija u halla l-hwejjeg li kien liebes fil-hin tal-allegat incident fil-van gewwa l-fabbrika. L-imputat fl-ewwel stqarrija tieghu qal illi lit-tfal ma rahomx u baqa’ jichad illi kien qieghed jimmasturba ruhu meta rawh dawn it-tfal.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija ohra fejn qal illi ilu Malta sentejn u hames xhur. Din l-istqarrija giet rilaxxjata wkoll fit-3 ta’ Jannar, 2003, gurnata wara l-ewwel stqarrija tieghu. Huwa qal illi kellu tlett girlfriends Malta. Huwa qal ukoll illi certu Salah huwa habib kbir tieghu u jmur jiekol ghandu kulljum u jorqod ghandu meta jitlef ix-xarabank. Gieli jorqod Had-Attard fil-fabbrika. L-imputat umbaghad qal illi huwa m’huwiex Egizzjan, imma huwa minn Basra f’Iraq. Mistoqsi kellux il-passaport, qal illi ma kellux. Mistoqsi kif dahal f’Malta qal illi dahal bid-dghajsa mill-Italja. Huwa qal illi ma kellu l-ebda karta ta’ identifikazzjoni sabiex il-pulizija jistghu jgharfu ismu u n-nazzjonalita tieghu. Mistoqsi kellux familja l-Iraq huwa qal illi ma kellux. L-imputat umbaghad qal illi meta gara l-allegat incident huwa kien bil-jeans u minn taht kellu qalziet twil iehor iswed u meta induna li kellu xi haga ma kuxxtejh, nehha l-jeans u l-qalziet l-iswed biex jara x’kellu. Huwa qal illi ma kienx liebes qalziet ta’ taht. Qal illi meta nizzel dawn iz-zewg qliezet twal zamm il-parti tieghu b’id

wahda, u bl-id l-ohra beda ifittex ix-xewka. Ix-xewka ma sabhiex, imma sab bicca metal mal-jeans. Huwa cahad illi kien mess il-parti privata tieghu. Mistoqsi kif mess il-parti privata tieghu huwa qal illi zamm il-parti privata tieghu mal-gemb, waqt li fittex f'koxxtu u dak il-hin kien gewwa fil-fabbrika wara l-van. Il-bieb tal-garaxx kien miftuh.

Illi xehdet Marika Mamo, omm it-tfal minuri, u qalet illi dakinhar in kwistjoni hu u zewgha kienu ipparkjaw il-karozza taghhom quddiem il-fabbrika, hallew lit-tfal fil-karozza u dahlu fil-fabbrika u meta harget mill-fabbrika sabet lit-tlett itfal taghha jghajjtu u jibku u qalulha, "Mummy ejja oqghod hdejna ghaliex hawn Gharbi, nizzel il-qalziet u qieghed jaqbad id-duda". Hija qalet lil zewgha b'dak illi kien gara u hi u zewgha dahlu bit-tfal fil-fabbrika u qalu lil sid il-fabbrika x'kien gara. Hija xehdet illi sid il-fabbrika qalilha. "Dak l-Gharbi ilu hawnhekk sena u nofs u qatt ma kellna problemi mieghu" u mar ikellmu. Wara ftit gie u qalilha, "Isma l-Gharbi veru nizzel il-qalziet, imma ghamel hekk ghax kienet dahlitlu skalda". Huma u hergin beda jghajjtilhom l-Gharbi u beda jghidilhom biex jiskuzawh, izda hi qalet lil zewgha biex ma jharisx lejh u iddecidew li immorru jaghmlu rapport lill-pulizija. Ix-xhud kompliet tghid illi dakinhar ta' l-incident meta marru fil-fabbrika raw illi l-imputat kien liebes T shirt ta' lewn 'orange', pero' meta hargu kienu rawh liebes flok bil-kmiem twal u jeans car.

Illi xehdet Maria Mamo illi kellha dak iz-zmien li xehdet hdax il-sena. Hija xehdet precizament ftit aktar minn xahar wara li inqala l-allegat incident. Maria Mamo xehdet illi dakinhar in kwistjoni hi u hutha kienu fil-karozza ta' ommhom u missierhom u marru sabiex jixtru xi ghamara. Hija xehdet illi hutha huma Martha ta' disa' snin u Magdalene ta' erba' snin. Il-hin kien ghall-habta tal-hdax ta' filghodu. Ommha u missierha nizlu mill-karozza, izda hi u hutha baqghu fil-karozza u dahlu ikellmu lis-sid tal-fabbrika ta' l-ghamara. Maria Mamo xehdet illi kien hemm ragel illi kien qieghed jahsel il-karozza u meta nizlu ommu u missierha mill-karozza dan ir-ragel waqaf ihares lejhom, waqaf jahsel il-van u beda jhares lejhom u dak il-hin huwa

kien bil-wieqfa. Maria xehdet illi dan ir-ragel kien ismar hafna u kien twil u ftit irqieq, xaghru qasir, kien liebes shorts blu u T shirt orange. Maria Mamo xehdet illi hija qalet lil hutha biex ma joqghodux iharsu lejn dan ir-ragel u dan ghaliex bdiet tarah il-hin kollu jhares lejhom. Hutha qabduha u daru n-naha l-ohra. Maria daret biex tara jekk forsi dan ir-ragel kienx ser jaghtihom xi qatgha u ratu jaghmel il-pastasati. Mistoqsija x'kienu dawn il-pastasati, Maria xehdet illi ratu jaqbad il-parti tieghu, wara li kien nehha l-qalziet. Mistoqsija x'ghamel bil-parti tieghu, Maria Mamo spjegat lill-Qorti permezz ta' mossi u l-Qorti fehmet illi Maria Mamo kienet qeghda tirreferi ghall-fatt illi l-imputat kien qieghed jaghmel mossi ta' masturbazzjoni. Maria Mamo xehdet illi l-imputat baqa' sejjer hekk xi tlett minuti u hija qalet lill-hutha biex jghollu l-hgiega u issakru l-karozza u dana peress illi l-erba' twieqi tal-karozza kienu imnizzlin sa isfel nett.

Maria Mamo xehdet illi meta kien qieghed jaghmel dawn il-mossi l-imputat kien qieghed ihares lejhom, pero' hi biss kienet qeghda thares lura lejh. Umbaghad xehdet illi ohtha Martha qaltilha li kienet qeghda tibza peress illi kienet rat lil dan il-persuna il-hin kollu jhares lejhom u huma ftehmu li isejjhu lill-ommhom. Ommhom fil-fatt harget biex ticcekkja kif kienu u kif rawha huma bdew jghajjtulha. Umbaghad dak ir-ragel ghall-ewwel ma deherx aktar. Izda umbaghad Maria Mamo regghet ratu jimsah il-wipers tal-van illi kien qieghed jahsel fil-bidu u precizament Maria Mamo xehdet illi ratu jahsel dawn il-wipers sitt darbiet. Maria Mamo xehdet illi lil ommha kienet qaltilha li kienet qeghda tibza. Pero' ma kienitx qaltilha b'dak illi allegatament kien ghamel l-imputat. Umbaghad hareg ukoll missierhom, huma hargu mill-karozza u dahlu f'bicca kamra fejn kien hemm is-sid tal-fabbrika, fejn ommha u missierha spjegaw lil sid il-fabbrika b'dak illi kienet qaltilhom hi ghaliex hi kienet qalet lil ommha u lil missierha bil-pastazati li kienet rat lil dak ir-ragel jaghmel. Sid il-fabbrika mar ikellem lil dan ir-ragel, irritorna u qalilhom li dak ir-ragel kien dahhal skalda fil-parti tieghu. Umbaghad kollha kemm huma hargu mill-fabbrika, dahlu go karozza u marru l-ghassa tal-pulizija fejn irrakkontaw dak kollu li kien gara. Maria Mamo

kompliet tixhed illi kienet marret ukoll id-depot tal-pulizija fejn kellmet lill-Ispettur Louise Vella, li kienet urietha xi ritratti u minn dawn ir-ritratti hija kienet iddentifikat lill-imputat. Maria Mamo kompliet tixhed illi meta ghamel dawk il-mossi illi ghamel l-imputat ma kienx boghod hafna minnha. Maria Mamo xehdet illi qatt qabel ma kienet rat lil xi hadd, lanqas fuq it-television, jew f'xi ktieb jaghmel il-mossa illi allegatament rat lill-imputat jaghmel dakinhar u meta ratu jaghmel dik il-mossa hija bdiet tibza, anke ghaliex minn wiccu ma deherilhiex li kien qieghed jaghmel xi haga normali. Qalet illi qatt ma rat nies jaghmlu dik il-mossa. Maria Mamo xehdet in kontro-ezami illi waqt illi l-imputat kien qed jaghmel l-allegati mossi, hija u hutha kienu bil-qeghda fuq wara fil-karozza tal-genituri taghhom. Hija xehdet illi l-imputat ma kienx qieghed igorr l-ghamara dak il-hin, kien qieghed biss jahsel il-karozza, izda umbaghad kif diga hija kienet xehdet, kien waqaf jahsel il-karozza u beda jaghmel dawk il-mossi. Wara li ghamel dawk l-allegati mossi oxxeni huwa mar jimsah il-wipers ta' quddiem tal-karozza. Ix-xhud xehdet ukoll illi fl-ahhar lill-imputat ratu bil-jeans. Mistoqsija jekk dan ir-ragel kellux xi ugigh, forsi kien qed jokrob b'xi ugigh meta nizzel il-qalziet, Maria wiegbet illi ma kienx qieghed jokrob bl-ugigh u fl-ebda hin ma ratu igorr xi siggu, jew ghamara ohra, u fl-ebda hin ma ratu jitghawweg bhal per ezempju jitghawweg fl-ugigh. Hija xehdet illi lill-hutha qaltilhom illi dak ir-ragel kien qieghed ibezzaghha, pero' ma qaltilhomx bil-mossa li kien ghamel, qalet biss lil ommha u hutha bdew jibku ghaliex riedu lil ommhom, peress illi anke huma bdew jibzghu minn dan ir-ragel ghaliex beda jittawlilhom mit-tieqa. Maria Mamo xehdet ukoll illi meta rat lill-imputat jaghmel dik il-mossa hija ma hargitx mill-karozza ghaliex ma riditx thalli lil hutha warajha wahedhom. Maria Mamo xehdet illi parti biss mill-van kienet fil-karozza, il-parti il-kbira tal-van kienet barra fid-drive in. Gieli rat lill-imputat jidhol fil-fabbrika, u jittawwal lejha u lejn hutha. Maria Mamo xehdet illi matul il-hin kollu illi dam l-incident u cioe' xi tletin minuta minn mindu ommha u missierha dahlu fil-fabbrika sa meta hargu u gew hdejhom rat karozza wahda li minnha hargu xi nies, izda meta ghamel il-mossa illi allegatament ghamel ta' masturbazzjoni ma kienx hemm nies dak il-hin. Maria

Mamo xehdet illi meta ghamel il-mossa illi ghamel hija kienet qeghda thares direttament lejn l-imputat u rat sew il-parti tieghu.  Maria Mamo xehdet ukoll illi fejn kien l-imputat ma kienx hemm nies hdejh u lanqas fil-fabbrika ma kienx hemm nies.  In-nies kienu fuq in-naha l-ohra tal-fabbrika.  Kien hemm kamra ohra u ghalhekk dawn in-nies l-ohra li kienu fil-fabbrika lill-imputat ma setghux jarawh.

Illi xehed missier Maria Mamo u irrakkonta b'dak illi qaltlu t-tifla tieghu illi gara dakinhar in kwistjoni.  Xehed ukoll illi kien mar jirrapporta b'kollox lill-pulizija u qal illi dakinhar huwa u hiereg mill-fabbrika l-imputat avvicinah u qallu xi erba' darbiet sabiex jiskuzah.  Huwa qal illi dakinhar it-tfal tieghu kienu imwerwrin u bdew jibku.  Missier it-tfal qal illi t-tfal ghadhom imwerwrin sal-lum, jekk ma iwassluhomx huma ma immorrux il-Muzew u anke wara l-iskola jridu immorru ghalihom.  Missier l-ulied minuri qal illi qabel ma dahal gol-fabbrika 'Future Furniture' huwa ra lill-imputat li dak il-hin kien qieghed jahsel karozza.

Illi xehdet l-Ispettur Louise Vella illi ikkonfermat dak kollu illi xehdu kemm Maria Mamo, kif ukoll l-Ispettur Kevin Farrugia.

Illi gie esebiet mill-Prosekuzzjoni certifikat mediku datat 2 ta' Jannar, 2003 fis-sens illi Dr Saviour Cilia ezamina lill-imputat u sab illi kellu tbengila "over his left groin" ta' tlett centimetri diametru, liema tbengila ma kien jehtigilha l-ebda kura.

Illi PC 252 Stephen Mallia xehed illi meta mar sabiex jarresta lill-imputat, l-imputat talbu sabiex ihallih ibiddel hwejgu peress illi kien imxarrab u fil-fatt l-imputat biddel hwejgu qabel ma gie arrestat mill-pulizija.

Illi xehed ukoll PC 214 Luke Bonello illi wkoll kien mar sabiex jarresta lill-imputat u xehed illi l-imputat kien qalilhom illi hu kien qieghed jipprova xi 'seat' u dahhal xi haga mis-seat f'saqajh.  Ghalhekk huwa iggustifika skond hu mal-pulizija il-ghaliex kien nehha l-qalziet.

Illi xehed Raymond Hili, sid il-fabbrika A T Attard Industrial Estate, Attard, fejn isir xoghol ta' l-injam. Huwa xehed dwar l-incident meta kienu gew il-fabbrika tieghu il-koppja Mamo. Wara illi qalulu b'dak illi allegatament kien ghamel l-imputat, huwa kien ra lill-imputat u staqsih x'kien ghamel. Huwa jaf illi dakinhar l-imputat kien qieghed jobrox trukk, pero' b'ghajnejh ma ra xejn. Meta staqsa lill-imputat x'kien ghamel huwa qal illi kien ha daqqa u neza biex jara id-daqqa li kien qala hdejn il-parti privata tieghu. Lilu l-imputat kien qallu li kien "hazzem hwejgu".

Illi waqt is-seduta tat-13 ta' Frar, 2004 l-Ufficjal Prosekutur talab addizzjoni tad-dettalji tal-imputat fis-sens illi wara id-data 18 ta' Awissu, 1972 jidhlu l-kliem Karim Mohammed Heqal iben Mohammed u Sabah Abdul Abdulwaheb, imwieled l-Egittu fit-18 ta' Settembru 1972 u detentur tal-passaport Egizjan Nru 1140483. Saret il-korrezzjoni, il-Qorti ordnat li terga tinqara l-akkuza mill-gdid u jerga jsir l-ezami mill-gdid tal-imputat, kif fil-fatt sar u Dr Busietta ghall-imputat ezenta lill-Prosekuzzjoni mis-smigh mill-gdid tal-provi kollha illi kienu instemghu sat-13 ta' Frar, 2004.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament u qal illi dakinhar in kwistjoni kien dahal ghax-xoghol, kien hareg is-seat tal-van wahdu u dan kien tqil u sabiex hargu qala daqqa f'siequ fin-naha ta' fuq. Mar in-naha ta' wara biex ikompli jahdem, f'daqqa wahda hass ugigh li ma setghax jissapportih aktar, bhal qisu xi haga dahlitlu f'gismu u allura nizel il-qalziet biex jara x'kien gara. Meta nizzel il-qalziet huwa kien gewwa l-fabbrika, dejjem skond l-imputat. Wara xi nofs siegha kompla bix-xoghol u mar biex jahsel, innaddaf il-van. Sa dan it-tant kien ra karozza ipparkjata ta' lewn ahmar u fiha bil-qeghda kien hemm zewg irgiel u wara xi hames minuti gie fuqu l-imghallem tal-kumpannija l-ohra u qallu inti ghal li jista jkun inzajt il-qalziet tieghek. Huwa spjegalu li kien neza l-qalziet tieghu ghaliex kien wegga u qala daqqa fin-naha tal-koxxa tal-lemin tieghu. Dwar dan l-ugigh f'koxtu l-imputat qal li kien mar anke l-isptar u fil-fatt it-tabib kien irrilaxxjalu certifikat. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm toilet u jekk setghax imur fit-toilet biex inehhi l-qalziet u jara x'kellu huwa wiegeb illi fil-fabbrika ifl-fatt hemm it-

toilet u huwa ma kienx boghod mit-toilet, pero’ huwa deherlu li ma kienx ser jidher bil-mod kif kien ipparkjat il-van u ghalhekk qabad u nizzel il-qalziet, minghajr ma qaghad imur fit-toilet. Meta nizzel il-qalziet huwa ma kellux qalziet ta’ taht, imma kellu qalziet iehor. Huwa xehed ukoll illi l-parti tieghu b’dan il-mod ma gietx esposta. L-imputat gie mistoqsi jekk qalx sew meta kien qal lill-pulizija illi huwa kien dahhal skalda. L-imputat hawn hekk wiegeb illi huwa ma jafx jitkellem bil-Malti perfett, allura jista jkun li qalilhom li dahhal skalda, umbaghad qal illi hass illi donnu dahlet xi haga u allura forsi ghalhekk qalilhom skalda u mhux ghaliex ma jifhimx bil-Malti, imma ghaliex dak il-hin verament haseb li kienet dahlitlu xi skalda. L-imputat ammetta ukoll illi lill-imghallem kien qallu “a tempo vergine” illi meta nizzel il-qalziet kellu l-parti tieghu esposta. Ammetta ukoll illi sa kemm gew il-pulizija kien lahaq biddel il-hwejjeg tieghu. Huwa ammetta wkoll illi kien ta dettalji hziena lill-pulizija dwar ismu u kunjomu u n-nazzjonalita tieghu u qal illi kien l-imghallem illi qallu biex jaghmel hekk. Huwa xehed ukoll illi hwejgu, flusu u l-passaport tieghu kienu jinsabu ghand l-imghallem tieghu John Bartolo.

Illi pero’ meta John Bartolo xehed f’dawn il-proceduri huwa cahad kategorikament illi kellu l-passaport ta’ l-imputat fil-pussess tieghu. Huwa cahad ukoll kategorikament illi kien kellem lill-imputat u qallu kif ghandu jitkellem mal-pulizija qabel ma l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija. Huwa xehed illi l-ewwel darba li iltaqa mal-imputat, l-imputat kien qallu li kien Egizzjan, izda qatt ma kien urih il-passaport tieghu. Darba minnhom kien talbu l-passaport imma l-imputat kien jghid illi l-passaport ma kienx ghandu.

Illi xehed ukoll f’dawn il-proceduri Victor Galea illi jaf lill-imputat u ghandu fabbrika fl-Industrial Estate ta’ Had-Attard fejn kien jahdem l-imputat. Huwa qal illi meta inqala l-incident in kwistjoni huwa kien fil-fabbrika tieghu u ra lill-imputat fil-fabbrika faccata tal-fabbrika tieghu. Huwa setgha jara van Transit u l-imputat kien qieghed jahsel dan il-van permezz ta’ pressure washer. F’hin minnhom il-pressa giet fil-kantuniera u l-hmieg tal-karozza tar ghal

wicc l-imputat. Xehed ukoll illi ra lill-imputat jitfarfar u thazzem ftit. Ghalih qal illi thazzem tfisser meta bniedem jitbaxxa, johorgulu l-hwejjeg u jiftah daqsxejn il-qalziet biex idahhal il-hwejjeg fil-qalziet. Mistoqsi mill-Qorti huwa xehed illi qatt ma mar jara lill-imputat il-habs, pero’ l-imputat gieli cempillu u kien jghidlu li kellu l-Qorti u talbu wkoll biex jitlalu jixhed il-Qorti. Mistoqsi huwa qal illi bejn wiehed u iehor l-imputat kien cempillu xi ghaxar darbiet mill-habs. Kien jghidlu illi huwa qatt ma ghamel xejn u kull ma ghamel kien li thazzem ftit. Kien jitolbu wkoll biex jitlalu jixhed il-Qorti. Ix-xhud ammetta illi dakinhar ta’ l-incident in kwistjoni huwa ma kienx qieghed il-hin kollu jhares lejn l-imputat peress illi kien qieghed jahdem fuq il-fork lifter. Huwa xehed ukoll illi huwa kien dispost li jaghti akkommodazzjoni lill-imputat jekk huwa jinghata l-helsien mill-arrest.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti tibda sabiex tiddikjara illi l-imputat mhuwiex bniedem kredibbli. Huwa mill-ewwel ta’ dettalji foloz lill-pulizija dwar ismu, kunjomu u n-nazzjonalita tieghu. Meta gew il-pulizija sabiex jarrestawh, huwa talabhom il-permess sabiex ibiddel hwejgu u huma fil-fatt hallewh ibbiddel hwejgu. Fl-ewwel stqarrija li irrilaxxja lill-pulizija l-imputat qal illi huwa ma kienx espona l-parti privata tieghu fil-pubbliku u sa meta irrilaxxja it-tieni stqarrija ammetta illi kien nehha l-jeans u l-qalziet li kellu taht il-qalziet, zamm il-parti tieghu b’id wahda u b’id l-iehor fittex ix-xewka. Xewka ma sabx, imma sab bicca metall mal-jeans. Fit-tieni stqarrija tieghu qal illi zamm il-parti privata tieghu mal-gemb waqt li fittex fil-koxxa tieghu. It-tielet verzjoni li ta l-imputat kien meta xehed f’dawn il-proceduri fejn qal illi hass ugigh, neza il-qalziet, imma l-qalziet ma nezghux ghal kollox u l-parti tieghu ma gietx esposta, jigifieri hawn hekk l-imputat rega’ biddel il-verzjoni tieghu.

Illi l-imputat ammetta li kien hemm toilet ftit boghod minn fejn kien, izda huwa ma riedx imur it-toilet u qabad u neza il-qalziet fejn kien, skond hu fil-garaxx bil-bieb miftuh.

Illi fl-istess xhieda tieghu l-imputat ammetta li lill-imghallem qallu li ma harigx il-parti tieghu fil-prezenza tat-tfal, izda ammetta illi lill-imghallem qallu illi nizzel il-qalziet u kellu l-parti tieghu barra.

Illi lill-pulizija l-imputat kien qalilhom li kien haseb illi kien dahhal xewka izda meta xehed fil-Qorti huwa qal li haseb kien dahhal “skalda” u mhux xewka.  Huwa xehed ukoll illi sab bicca metall mal-jeans izda umbaghad xehed illi kien ha xi daqqa u donnu nesa kemm ix-xewka, kemm l-iskalda, kif ukoll il-metall.

Illi dwar ic-certifikat mediku rilaxxjat lill-imputat, it-tabib illi hareg dan ic-certifikat ma ttellax jixhed mid-difiza.  Kien ikun interessanti illi t-tabib jigi per ezempju mistoqsi l-‘ageing’ tad-dbengila illi sab, kif ukoll, per ezempju, jekk it-tbengila setghetx giet ‘self inflicted’.  Il-Qorti, f’dan ir-rigward, tirrileva illi meta il-Pulizija gew biex jarrestawh l-imputat talab u gie moghti zmien biex imur ibiddel u irrizulta illi dak il-hin huwa kien jaf bl-allegazzjonijiet tat-tifla.  Il-Qorti tirrileva illi din il-verzjoni, illi giet mibdula diversi drabi mill-imputat, (skalda, xewka, metall, daqqa) ma hi kredibbli xejn, tenut kont ukoll tax-xiehda tal-minorenni, illi spjegat car il-mossi ta’ masturbazzjoni illi beda jaghmel l-imputat, waqt illi baqa’ jhares fiss lejha, u il-fatt illi baqghet impressjonata bil-harsa stramba li kellu dak il-hin.

Illi in vista tat-tahwid kollu fil-verzjonijiet tal-imputat, kif ukoll it-tahwid tal-imputat fl-ghoti tal-particulars tieghu, il-Qorti ittenni illi l-imputat mhuwiex xhud kredibbli u ghaldaqstant hija sejra tiskarta kompletament il-verzjoni tieghu.

Illi, kuntrarjament, Maria Mamo, il-minuri ta’ hdax il-sena kienet konsistenti ferm fix-xhieda illi tat fil-Qorti.  Il-Qorti kellha kull opportunita illi tezamina il-komportament  ta’ din ix-xhud.  Hija kienet trankwilla u serena u fl-ebda hin ma hawwdet jew biddlet il-verzjoni taghha, kienet konsistenti matul ix-xhieda kollha taghha li damet taghti ghall-hin twil, kif ukoll waqt il-kontro-ezami li wkoll baqa’ sejjer ghal hin twil fejn kien hemm ukoll diversi

ripetizzjonijiet ta' domandi, izda Maria Mamo baqghet konsistenti dejjem fix-xhieda illi tat, liema xhieda hija kollaborata mill-genituri taghha u mill-Ispettur Louise Vella illi xehdet dwar il-verzjoni illi tatha "a tempo vergine" Maria Mamo.

Illi ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-Ligi l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat. Irrizulta car illi l-imputat espona l-parti tieghu fil-pubbliku u fil-prezenza tal-minorrenni Maria Mamo huwa beda jaghmel mossi ta' masturbazzjoni, dawn l-atti indicenti saru fil-prezenza tal-minorrenni Maria Mamo u dawn l-atti waslu wkoll sabiex ikkorrompew lil Maria Mamo illi qatt qabel ma kienet rat lil xi hadd jaghmel dawk il-mossi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta' l-Avukat Generali tas-26 ta' Jannar, 2004 tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat mhuwiex persuna affidabbli. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-atti illi ikkommetta huma kundannabbli ferm u probabbilment ser jibqa jkollhom effett negattiv fuq il-hajja tal-minorrenni Maria Mamo, illi meta sehh l-incident in kwistjoni kellha anqas minn tnax-il sena.

Ghaldaqstant il-Qorti tara illi l-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija. Il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 17 paragrafu (b) tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta' tlett snin u xahar u tordna illi minn dan it-terminu ta' prigunerija ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti finalment tiddikjara illi mhuwiex ser jigi applikat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 peress illi f'dan il-kaz ma gie imqabbad l-ebda espert.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------